MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2007

Numru. 701/2007

Illum 12 ta' Settembru, 2007

Il-Qorti.

Rat il-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug mit-"Tribunale di Modica" kontra Anthony Muscat minn fejn jirrizulta illi din il-persuna hi mfittxija mill-Awtoritajiet Gudizzjarji tal-Italja, pajjiz skedat skond l-artikolu 5 tal-Avviz Legali numru 320 tal-2004 u dan ghar-reati ta' partecipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali u traffikar ta' bnedmin, liema reati huma fil-lista ta' imgieba stipulata bhala kondotta skedata fl-iskeda 2 tal-istess Avviz Legali citat, elenkati fl-istess mandat u li dwarhom qed tintalab it-treggija lura lejn l-Italja.
Rat ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali skond l-artikolu 7 citat.
Rat it-talba ghall-estradizzjoni tal-istess persuna lejn l-Awtorita' Gudizzjarja imsemmija.

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-atti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-punti sollevati mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi, in rigward il-fatti in ezami, l-imsemmija persuna tinsab imputata quddiem l-Awtorita' Gudizzjarja nvoluta taht il-paragrafu "A" u "D" tal-mandat in ezami (ara fol 9 u fol 11 ta' l-atti). Minn dawn jidher li l-imputazzjonijiet kontra l-istess persuna jinvolvu l-allegata partecipazzjoni taghha f'assocjazzjoni kriminali li originat mic-Cina, promossa, organizzata u mmexxija f'dan il-pajjiz li ghadu kemm issemma kif ukoll fl-Italja u fl-Ewropa in generali u dan sabiex jigu kommessi diversi delitti fosthom b'mod organizzat dak ta' kuntrabandu ta' Cinizi ghal go l-Italja u pajjizi ohra Ewropej. Dwar dan, jinghad fl-istess mandat illi hemm provi illi dan id-delitt gie kommess sa Jannar 2005, kemm f'Malta, kemm fit-territorju ta' Ragusa fi Sqallija. Dan li ghadu kemm inghad ghandu jigi abbinat mal-imsemmi paragrafu D fejn jissemma illi persuna bhala komplici ma' ohrajn mhux identifikati kienet involuta fi dhul illegali fl-Italja ta' barranin u dan sabiex tottjeni profitt ingustifikat in vista li l-istess immigranti illegali hallsu flejjes konsiderevoli ghat-trasport taghhom. B'mod partikolari, l-istess persuna allegatament ghabbiet hawn Malta l-istess immigranti illegali u hadithom f'post fil-kosta u ghalhekk ghenet fil-koordinament tal-operazzjoni sabiex l-istess immigranti setghu jaqsmu lejn Sqallija u jinzlu hemm fil-5 ta' Ottubru 2004. Anke hawnhekk jinghad illi id-delitti saru f'Malta u f'Ragusa bejn Settembru u t-8 ta' Ottubru 2004.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju tal-proceduri, il-Qorti trid tara, qabel ma tiddeciedi kwistjonijiet ohrajn, jekk id-delitti in ezami humiex estradibbli jew le a bazi tal-artikoli 12 (2)(3)(4) tal-Avviz legali involut, difatti f'kaz li din il-kwistjoni tirrizulta fin-negattiv, din il-Qorti trid tordna l-liberazzjoni ("discharge") tal-istess persuna. Hawnhekk u dwar din il-kwistjoni fl-avviz legali in ezami, specifikatament fl-artikolu 59 gia spjegat, b'mod kumulattiv ("also") jispecifika xi jfissru d-delitti estradibbli ("extraditable offences") u dan kif ser jinghad –

a) Fl-artikolu 59(2) ibid: “The conduct constitutes an extraditable offence in relation to the scheduled country if these conditions are satisfied – 1) the conduct occurs in the scheduled country <u>and no part of it occurs in Malta</u> (b’din il-parti sottolinejata l-bazi tad-difiza kif hawn fuq verbalizzat) 2) A certificate issued by an appropriate authority of the scheduled country shows that the conduct is scheduled conduct u 3) the certificate shows that the conduct is punishable under the law of the scheduled country with imprisonment ... for a term of three years …”)

b) <u>fl-artikolu 59 (3) ibid:</u> “the conduct, <u>also</u>, constitutes an extraditable offence in relation to the scheduled country if these conditions are satisfied – 1) the conduct occurs in the scheduled country (<u>biss,</u> minghajr ebda kundizzjoni ohra) 2) the conduct would constitute an offence under the laws of Malta if it occurred in Malta 3) the conduct is punishable under the law of the scheduled country with imprisonment … for a term of 12 months or a greater punishment …”. Jigi relevat illi s-subinciz (4) u (5) tal-istess artikolu jelenkaw kazijiet ohra ta’ delitti estradibbli, izda l-partijiet ma ghamlu l-ebda referenza ghall-istess subinciz in vista li jidher li ma humiex relevanti ghall-fatti in ezami.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fil-kaz in desamina u mill-esami tal-imputazzjonijiet A u D, ma hemm ebda dubbju illi d-delitti hemm deskritti kellhom l-<u>effetti</u> taghhom fit-territorju tal-pajjiz skedat u ghalhekk jidher li “the conduct occurs in the scheduled country” f’dan il-kaz it-territorju Taljan. In rigward dan il-punt, il-prosekuzzjoni ghamlet referenza ghad-decizjoni tal-House of Lords moghtija fis-17 ta’ Novembru, 2005 fl-ismijiet “Office of the King’s Prosecutor Brussels Vs Armas (Appellant) and others”, f’liema decizjoni “The Lords of Appeal” analizzaw u dahlu “in funditus” fil-kwistjoni sollevata mid-difiza f’dan il-kaz. F’din id-decizjoni, li ngiebet a konjizzjoni ta’ din il-Qorti permezz ta’ nota prezentata fir-registru fid-29 ta’ Awissu 2007, inghad b’mod unanimu, illi “a purposive meaning must be given to

the word ‘conduct’ in this context. It would impose a wholly artificial restriction on the extradition process if it were taken as meaning that all the conduct which resulted in the offence must have taken place exclusively within the category 1 territory. Actings elsewhere will be sufficient to constitute conduct in that country so long as their intended effect was to bring about harm within the territory”. Dan premess jidher li din il-kundizzjoni hi sodisfatta f’dan il-kaz.

Illi ma gie kkontestat bl-ebda mod li d-delitti fil-kaz in disamina “… would constitute, under the laws of Malta, if it occurred in Malta” trattasi ta’ “conspiracy” jew “komplicita”, fi traffikar ta’ bnedmin (ara l-artikoli tal-kodici kriminali). Inoltre l-istess delitti, kif rizultanti mill-mandat in esami huma punibbli taht il-ligi Taljana ghall-perjodu ta’ prigunerija ta’ tnax-il xahar jew aktar.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi a basi ta’ dak premess, din il-Qorti hi pjenament sodisfatta li f’dan il-kaz, trattasi ta’ delitti estradibbli kif jinkwadraw ruhhom taht l-artiklu 59 (3) tal-Avviz legali in ezami, ma hemmx il-htiega li jigu analizzati l-artikoli 59 (2) ibid. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara d-delitti specifikati fil-mandat in ezami bhala estradibbli u ghalhekk dawn il-proceduri ghandhom jitkomplew billi, skond l-artikolu 12 (4) ibid, l-istess Qorti tipprocedi sabiex tara u tiddeciedi jekk ik-konsenja tal-persuna involuta hi projbita minhabba r-ragunijiet specifikati fl-artikoli 13 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi wara li l-partijiet awtorizzaw lil din il-Qorti sabiex Hi taghti decizjoni wahda u finali, Hi, issa ser tiddeciedi dwar jekk f’ dan il-kaz, hemmx involut wiehed mill-“bars to extradition” specifikati fl-imsemmi artikolu 13 ibid u sussegwentement tara jekk hux u sakemm hu applikabbli l-artikolu 28 A ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi d-difisa irreferiet ghall-istess artikolu 13 subinciz (1) (h) ossia “<u>amnestija</u>” kif definita fl-artikolu 21 ibid li jghid, “It-treggieh lura ta’ persuna lejn pajjiz skedat hu impedut jekk

tigi sodisfatta l-kondizzjoni fl-artikolu 11 (2) (f) ta’ l-att rilevanti li jghid “if any amnesty has been granted in respect of the offence for which the return is requested and the Courts of Malta had jurisdiction to try that offence”.

Ikkunsidrat
Illi l-istess difisa qed tibbasa dan il-punt fuq ligi promulgata mill-Istat Taljan ossia. “Legge 31 Luglio 2006 numero 241” li tittratta dwar “indulto” koncess a bazi tal-istess ligi billi, fil-kazijiet imsemmija fl-istess ligi l-Istat Taljan ikkonceda tnaqqis “nella misura non superiore a tre anni” (artikolu 1 tal-ligi Taljana citata), f’kaz ta’ piena ta’ prigunerija imposta mill-Qorti Taljana kompetenti “e non superiore a 10,000 euro” f’ kaz ta’ pieni imposti. Certament din ma tammontax ghal amnestija kif rikjesta mill-artikolu 13 ibid hawn citat. Pero’ ta’ min isemmi “obiter” illi : -

a) Fin-noti annessi mal-istess ligi Taljana jinghad li “l’ amnestia estingue il reato e se vi e’ stata condanna fa cessare l’ esecuzione delle condanne e le pene accessorie”.

b) Quddiem it-Tribunal barranni, l-estradant jinsab imputat taht l-artikolu 416 kif emendat (ara fol 6 tal-atti) u 110 (ara fol 8 ibid) tal-Kodici Kriminali Taljan. Mill-istess ligi Taljana fl-artikolu 2 taghha jidher li l-estradant jista’ jisufruwixxi minn tali tnaqqis in konnessjoni mal-imputazzjoni a bazi tal-artikolu 416 (ara numru 10 tal-istess artikolu 2) waqt li l-istess ma jistax jinghad in rigward l-akkuza skond l-artikolu 110. Illi, wara li gie premess dan kollu jidher li l-artikolu 13 (1) (h) ma jistax jigi applikat f’dan il-kaz u b’hekk ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu ghall-estradizzjoni tal-persuna involuta taht dan l-artikolu.

Ikkunsidrat
Illi dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 28 A ibid, fil-kaz in desamina din il-Qorti diga ippronunzjat ruhha f’decizjoni finali moghtija fis-7 ta’ Settembru 2007 fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Emanuel Borg”.

Illi difatti, fil-kaz in desamina kif jidher a fol 16 et seq ibid, kien inhareg att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali kontra l-istess estradant fuq akkuza simili bhal dawk in esami izda li jirreferu ghal dati u fatti differenti.

Illi fil-kaz li ghadu kemm gie citat, il-Qorti kienet esercitat il-fakolta moghtija lilha permezz tal-artikolu 28 A fis-sens li pposponiet il-konsenja ta' l-estradant minhabba l-artikolu 401 u 402 tal-kodici kriminali dwar it-terminu ta' konkluzjoni ta' kumpilazzjoni. Dan il-punt ma hux pero' applikabbli f'dan il-kaz in vista li l-proceduri lokali kontra l-estradant waslu fl-istadju meta tinhareg l-att tal-akkuza fil-konfront tieghu. Difatti hemm verbalizzat illi dawn il-proceduri waslu fi stadju preliminari meta l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi eccezzjonijiet sottomessi mill-partijiet. Dwar dan jigi rilevat illi bhala regola u skond il-ligi nostrana, dawn il-proceduri sa l-verdett u sentenza finali ghandhom jizvolgu ruhhom fil-presenza tal-akkuzat-estradant. Ghalhekk din il-Qorti, f'dan l-istadju, thoss li ghandha tiddifferixxi dawn il-proceduri a bazi tal-artikolu 28 A citat u dan sakemm tavvera ruhha wahda mic-cirkostanzi kontemplati fl-istess subinciz (2) (a) (b) (c) (d).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tipposponi l-konsenja ta' l-estradant u tiddifferixxi dawn il-proceduri "sine die" riappuntabbli fuq talba tal-Avukat Generali permezz ta' rikors u dan meta tavvera ruhha wahda mic-cirkostanzi specifikati fl-artikolu 28 A (2) (a) (b) (c) (d) u dan sabiex tiddeciedi ulterjorment a bazi tal-artikolu 28 A (3), 34 (1) ibid u tapplika l-artikolu 33 ibid.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------